# O ELENA OMMNA

O Elena ta' qalb ħanina
Għax għalina int isem kbir.
F'dan il-jum għażiż għalina,
Lilek nagħtu kull tifħir.

Kif narawk fit-toroq tagħna,
Tħaddan miegħek is-salib;
Għal warajk niġu kotrana,
Sew il-kbar, kemm iċ-ċkejknin.

Taħt xemx qalila ta' fil-għodu,
Mal-kuluri tat-tiżjin,
Wiċċek jixgħel bl-isbaħ dija,
Ta' djamant mill-aktar fin.

*Kav. Frank Borda Vassallo.*
*7.6.81*

---

# SIR ANTHONY MAMO O.B.E.

Anthony Joseph Mamo twieled fid-9 ta' Jannar 1909 f'Nr. 64, Triq il-Kbira Ħas-Sajjied, iben Ġużeppi u Carola neé Brincat. Fl-età żgħira ta' ħames snin hu beda jmur l-iskola ta' St. Francis u anke fl-iskola ta' Ħal-Lija. Hu kien imur l-Oratorju biex jitgħallem id-duttrina u kien attiv ħafna fuq il-palk u fil-Kor. In-nannu tiegħi Ġużeppi Vassallo magħruf bħala Perini kien wieħed mill-katekisti tiegħu.

Sir Anthony studja fis-Seminarju u wara mar l-Università fejn fl-1931 ħa il-B.A. u fl-1934 ħa LL.D. u sar Avukat. Fil-15 ta' Awissu jum Santa Marija 1939 iżżewweġ lis-Sinjorina Margaret Agius u minn dan iż-żwieġ kelhom tlett itfal, Josephine, Monica u John. Fl-1943 beda jaħdem bħala Avukat tal-Kuruna fl-Uffiċċju tal-Attorney General u fl-1955 sar Attorney General. Kien sar professur tal-Liġi Kriminali sakemm ġie maħtur Prim Imħallef u President tal-Qrati tal-Appell.

Fl-1964 sar l-ewwel President tal-Qorti Kostituzzjonali u fl-1967 sar l-ewwel President tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Sir Anthony ġie mogħti l-O.B.E. fl-1957 u Knighthood fl-1959. fit-3 ta' Lulju 1971 ġie maħtur l-Ewwel Gvernatur Ġenerali Malti u fit-13 ta' Diċembru 1974 sar l-ewwel President tar-Repubblika ta' Malta.

Aħna l-Karkariżi għandna biex inkunu tant kburin li wieħed minn fostna kellu l-ikbar karigi fil-pajjiż.

*Kav. Frank Borda Vassallo.*